L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 3 ta' Settembru 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb MADWAR 350 KELMA fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. L-importanza tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Iddiskuti.
2. Ikteb rakkont li jispiċċa: "Kienet l-aħjar deċiżjoni li ħadt f'ħajti."
3. Il-ġenerożità tal-Maltin.
4. Iddeskrivi lejla tipika sajfija.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

## Il-Gran Kastell f'Għawdex

Bħalma f'Malta nsibu l-belt antika tal-Imdina mdawra bi swar kbar, hekk ukoll f'Għawdex insibu l-belt antika taċ-Ċittadella li hi magħrufa wkoll bħala l-Gran Kastell. Din il-belt ċkejkna tinsab fit-Tramuntana tal-Belt Victoria, il-belt kapitali ta' Għawdex. Hija tinsab 140 metru fuq il-livell tal-baħar u għandha wesgħa ta' 2,500 metru kwadru. Il-belt taċ-Ċittadella nbniet mill-Feniċi madwar 2,800 sena ilu. Il-belt kompliet dejjem tiġi żviluppata minn ġnus li ħakmu l-gżejjer tagħna tul iż-żminijiet. F'din il-belt kien hemm, fejn illum insibu l-Katidral, tempju Ruman iddedikat lil alla Ġuno, waħda mill-allat Rumani.

Iċ-Ċittadella, bħall-Imdina, kienet ħafna akbar milli hija llum. Iżda l-Għarab, wara s-sena 870, ċekknuha għal kif inhi llum. Jingħad li ċ-Ċittadella kellha wkoll pont li jista' jintrefa' biex jagħlaq jew jiftaħ. Iċ-Ċittadella kienet tintuża wkoll bħala post ta' kenn mill-għadu. Sal-15 ta' April 1637 kienet teżisti liġi li tgħid li l-Għawdxin kellhom bilfors jgħaddu l-lejl 'il ġewwa mis-swar. It-tneħħija ta' din il-liġi kienet is-sinjal li wera li issa s-sur ma kienx aktar ta' importanza kbira.

Fl-1700, kien hemm fiċ-Ċittadella 50 dar mgħammra. Din il-belt kienet il-post fejn il-Franċiżi ngħalqu biex jistkennu mill-Maltin fl-1798. L-Ingliżi ħadu ħsieb jirrestawraw xi bini f'din il-belt u minn dakinhar 'l hawn l-awtorità bdiet tirranġa u tirrestawra din il-belt unika. Il-UNESCO wkoll rat li dan il-post ma jiġix traskurat.

Fiċ-Ċittadella nsibu l-ħabs l-antik biswit il-bini tal-Qorti, kif ukoll numru ċkejken ta' mużewijiet. Għalhekk, kulma jmur din il-belt qiegħda dejjem isservi bħala għajn prinċipali għal eluf u eluf ta' turisti li ta' kuljum iżuru dan il-monument storiku li jagħmel lill-gżejjer Maltin uniċi fid-dinja. Il-mużew prinċipali huwa dak tal-arkeoloġija. Dan jinsab fuq in-naħa tal-lemin hekk kif tidħol fil-belt mill-Bieb il-Qadim. Il-mużew, li fil-faċċata tiegħu hemm gallarija unika tal-gżira, kien il-propjetà tal-familja Bondi. Fih insibu l-ġebla ta' Majmuna u affarijiet oħra taż-żminijiet Neolitiċi, Puniċi, Rumani, u medjevali.

Mużew ieħor huwa dak tal-folklor. Dan jokkupa l-eqdem bini f'din il-belt. Fih insibu għamara antika, u diversi affarijiet oħra rurali li huma marbutin mal-artiġjanat u mal-folklor tal-gżejjer Maltin. Mużew ieħor, li wkoll jinsab f'din il-belt, huwa l-mużew tal-Katidral. Dan il-mużew, li huwa beni tal-Knisja, fih diversi pitturi antiki u affarijiet rikki tal-knisja. Ta' min isemmi li fih tinżamm il-parilja. Il-parilja hija l-karozzin li dari l-isqof kien juża f'xi okkażjonijiet. Dan il-mużew jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-Katidral. Fl-aħħar, u mhux l-inqas, hemm il-mużew tal-istorja naturali ta' Għawdex.

Matul is-snin, l-awtoritajiet għamlu għadd ta' proġetti ta' restawr, minn barra u minn ġewwa, sabiex din il-belt ħadet lura l-glorja tagħha. Fil-fatt, iċ-Ċittadella hija waħda mill-postijiet li tagħmel lil Għawdex tagħna uniku fid-dinja, u għalkemm iċ-Ċittadella u s-swar maestużi u importanti tagħha ma għadhomx jintużaw bħala mezz ta' difiża, xorta waħda qed ikunu ta' għajnuna għall-poplu Għawdxi għax qed ikunu l-attrazzjoni ewlenija ta' ħafna turisti li jżuruhom.

*(Mis-sit www.visitgozo.com)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Min bena ċ-Ċittadella u meta nbniet? (2)
2. Sal-1637, x'kien l-iskop ta' din il-belt antika? (2)
3. Minn dejjem l-awtoritajiet kienu jieħdu ħsieb iċ-Ċittadella? Kif taf? (2)
4. Għaliex il-faċċata tal-mużew tal-arkeoloġija hija differenti mill-bqija tal-mużewijiet l-oħra? (2)
5. Min kien juża l-parilja u għala kien jużaha? (2)
6. Għal xiex qed jintużaw iċ-Ċittadella u s-swar illum? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kliem ieħor għall-kliem li huwa **bold** skont is-silta ta' hawn taħt:

   Mużew ieħor huwa dak tal-folklor. Dan jokkupa l-eqdem bini f'din il-belt. Fih insibu għamara antika, u diversi affarijiet oħra rurali li huma marbutin mal-**artiġjanat** u mal-folklor tal-gżejjer Maltin. Mużew ieħor, li wkoll jinsab f'din il-belt, huwa l-mużew tal-Katidral. Dan il-mużew, li huwa **beni** tal-Knisja, fih diversi pitturi antiki u affarijiet **rikki** tal-knisja. Ta' min isemmi li fih tinżamm il-parilja. Il-parilja hija l-karozzin li **dari** l-isqof kien juża f'xi okkażjonijiet. Dan il-mużew jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-Katidral. Fl-aħħar u mhux l-inqas hemm il-mużew tal-istorja naturali ta' Għawdex. (il-ħames paragrafu) (4)

8. Sib kliem jew frażijiet minn paragrafu 1 li għandhom dan it-tifsir skont is-silta:
   a. postijiet għoljin u ħoxnin ta' lqugħ;
   b. miġjuba 'l quddiem;
   ċ. popli differenti;
   d. post ta' qima. (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 6 li turi li ċ-Ċittadella reġgħet kisbet ġieħha? (2)

**(Total: 22 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-kaċċa hija passatemp li ilu magħna għal medda twila ta' żmien. Min jipprattikah dan il-passatemp jagħmel dan b'tant passjoni li jirreferi għalih bħala namra. Hemm min jgħid ukoll li hawn Malta "l-kaċċa bħal lotterija", jiġifieri jekk wieħed ikollu n-namra tal-kaċċa se jqum kmieni biex joħroġ għall-kaċċa, jintasab ħdejn il-mansab, b'dak l-entużjażmu fuqu, imma ma jkunx jaf jekk hux se jmissu xi ħaġa dakinhar, jew jekk hux se jidher xi ħaġa. Għall-bidu, il-kaċċa kienet id-delizzju tal-kolti; anki rejiet u gran mastri kienu joħorġu għall-kaċċa, mhux biss tal-għasafar iżda anki tal-fniek slavaġ. Iżda ż-żmien inbidel u l-kaċċa saret tip ta' sport li jista' jipprattikah kulħadd. Madankollu ta' min wieħed jgħid li rari ssib min jibda jipprattika dan id-delizzju jekk ma jkollux xi ħadd mill-familja li jkun joħroġ għall-kaċċa wkoll. Xi kaċċaturi jsostnu li n-namra trid tkun ġo fik.

*(Addattament mid-deskrizzjoni tat-teżi 'Ir-Reġistru tal-Kaċċa u l-Insib' ta' Marija Cutajar)*

1. Agħti n-negattiv ta' **inbidel**. (1)
2. Sib u ikteb nom mimmat. (1)
3. Sib u ikteb nom Romanz. (1)
4. Oħroġ nom fil-plural minn **jidher**. (1)
5. Ta' liema forma hu l-verb **jintasab**? (1)
6. Agħti z-zokk morfemiku ta' **delizzju**. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb verb fil-perfett. (1)
8. Agħti s-superlattiv ta' **twil**. (1)
9. Oħroġ verb fl-imperfett minn **kaċċa**. (1)
10. Agħti l-għerq ta' **jmissu**. (1)
11. Mis-silta sib nom ta' nisel Ingliż. (1)
12. Sib u ikteb nom tal-aġent fil-plural. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **jsostnu** fit-tieni persuna singular fil-perfett. (1)
14. Mis-silta sib nom proprju. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq wieħed mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li int sid ta' restorant, u għadek kif rajt inċident sfortunat bejn impjegat tiegħek u klijent. Ikteb rapport biex jinżamm fir-rekords, għal li jista' jinqala'.

**JEW**

2. Matul il-lejl li għadda saret serqa kbira f'ħanut tal-ħwejjeġ, li int responsabbli minnu. Ikteb rapport dwar dak li qed tara mill-kameras tas-sigurtà tal-ħanut.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq wieħed minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Bħalissa l-Kunsill Parrokkjali tar-raħal tiegħek jixtieq joħloq attivitajiet soċjali kull xahar biex isir jaf aktar lill-parruċċani tiegħu. Ikteb ittra lis-Segretarju ta' dan il-Kunsill sabiex tagħtih suġġerimenti ta' x'attivitajiet għandu jagħmel biex jilħaq lil kulħadd.

   Ismek: Noel/Marija Debono
   L-indirizz tiegħek: 7, Triq il-Forn, Ħal Balzan, BZN 1750.
   L-indirizz tal-Kunsill Parrokkjali: 23, Kunsill Parrokkjali Balzan, Pjazza Annunzjata, Ħal Balzan BZN 1752.

**JEW**

2. Ġimagħtejn ilu tlajt l-Ingilterra biex tagħmel kors tal-Istudji Teatrali. Ikteb email lill-ħabiba tiegħek, li wkoll tħobb it-teatru, biex tgħidilha x'qed tagħmel u tħajjarha tagħmel bħalek 'il quddiem.

   Ismek: Massimo/Michela Camilleri
   L-indirizz elettroniku tiegħek: mcam@stud.com
   L-indirizz elettroniku tal-ħabiba tiegħek: steph@melit.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.............................................................................................................................

.............................................................................................................................

.............................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 3 ta' Settembru 2019 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**
**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Aqta' Fjura u Ibni Kamra* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Aqta' Fjura u Ibni Kamra,*** Immanuel Mifsud

Tagħtix kas li l-baħar tiela'
Itla' fl-għoli anki int;
Bnejt it-torri, itla' fuqu,
Ibda gawdi dak li ħdimt.

Issa isma' x'qed jgħidulek:
Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.
Hemm ftit metri ħdejn il-villa,
Li kont minnek nibni *pool*.

U jaqbillek tinsa l-baħar
Għax mid-dehra tah tal-qamar;
Tmurx fix-xemx u tmurx fid-dlam
Għax imtela tilja bram.

Aqta' fjura u ibni kamra.
Jiena nifhem: 'tini widen;
Meta mbagħad tkun lest minn kollox,
Ħu nifs qawwi u mur indifen.

**Wieġeb:**

1. Ikteb dwar it-ton tal-poeżija, u għid x'effett joħloq dan it-ton. (4)

2. Ikeb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet minn din is-silta li juru kemm il-bniedem huwa egoist. Permezz taż-żewġ kwotazzjonijiet li ktibt, fisser għaliex il-bniedem huwa egoist. (4)

3. X'effett joħloq il-poeta meta jispiċċa l-poeżija bil-vers: "Ħu nifs qawwi u mur indifen"? (4)

4. (a) Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (2)

   (b) Ikteb dwar id-differenza li nsibu fir-rima fl-aħħar żewġ strofi, u għid x'effett toħloq din id-differenza. (2)

5. (a) Din is-silta tal-poeżija tittratta: (Agħżel **WAĦDA**) (1)

   i. it-torrijiet li nsibu madwar il-kosta Maltija.
   ii. il-qerda tal-ambjent naturali.
   iii. l-għawm u fejn għandna ngħumu.
   iv. kemm il-bniedem jaħseb f'ħaddieħor.

   (b) Billi tirreferi għall-isem tal-poeżija fisser għaliex għamilt l-għażla li għamilt. (3)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jum San Valentin* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jum San Valentin,*** Maria Grech Ganado

Mela llum sejra npittirlek
kartolina, u nħażżiżilha
l-kuluri li jixirqulha:
iswed duħħan bħal moħħi
aħmar nar bħal demmi jbaqbaq -

ja traditur
ma xbajtx tirriġettani minn ġo
ħajtek!

Ħa mela ilqa' u ibla'
dil-balla li rrid naqla' jien
minn fuq l-istonku.

Ibla' u ilqa'

u jekk tista'
itfagħhieli lura
qisha ballun.

**Wieġeb:**

1. L-isem tal-poeżija huwa ironiku. Fisser għaliex, billi tirreferi għall-ewwel strofa ta' din is-silta. (4)

2. X'inhu t-ton li qiegħda tikteb bih il-poetessa? Ikteb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet li juru dan it-ton. (4)

3. Ikteb x'effetti differenti toħloq il-poetessa permezz tal-verbi "npittirlek" u "nħażżiżilha" fl-ewwel żewġ versi ta' din is-silta. (4)

4. Fisser il-metafora tal-balla u l-ballun, u fisser x'effett toħloq biha l-poetessa. (4)

5. Ikteb dwar il-metrika li tħaddem il-poetessa, u kif din tintrabat mas-suġġett. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Il-Koranta***, Oliver Friggieri

Ħadd ma kien jaf sewwa x'jisimha, iżda jekk issaqsi għall-Koranta ma kienx hemm tfajjel li ma kienx jaf jieħdok minnufih ħdejn l-għatba ta' darha. Kienet mara fuq l-erbgħin sena, u minkejja li kienet iżżomm ruħha u tbiddel libsa f'oħra – ilkoll ta' prezz modest – baqgħet ma laqtet l-għajn tal-ebda raġel. Iżda qalbha ma qatgħathiex, għaliex għand tal-ħaxix jew għand tal-laħam, ħsiebha kien ikun aktar f'dak jew fl-ieħor milli fi ħwejjeġ oħra.

"Iż-żwieġ sagrament ukoll, u la hu sagrament, hu qaddis u jressaqna lejn Alla," kien itenni sikwit il-kappillan, u l-Koranta kienet tgħallmet it-teorija bl-amment u ġieli kienet tgħidha lilha nnifisha f'xi waqtiet ta' skrupli.

Min seta' jlumha? Mara ta' darha, twajba u ħawtiela kemm tista' tkun ħlejqa umana, iżda weħidha. Familja ma kellhiex u ħbieb ftit li xejn. Jafha r-raħal bi ħġaru u ma jafha ħadd. Issellem lil min isellmilha, u xi drabi anki lil min ma jħarisx lejn kulħadd. Laqamha kien fost l-aktar imsemmijin, u biż-żmien kellu jsir leġġenda, iżda xejn, xejn aktar. Wara nżul ix-xemx biebha kien jissakkar b'muftieħ mill-goffi, jintramaw żewġ staneg tqal u ħoxnin, u jerġa' jinfetaħ inkiss inkiss l-għada filgħodu għall-quddiesa tal-ewwel. Ħajja bħal din kienet vojta iżjed minn tal-bqija, u donnha biex ittawwalha u ġġebbidha kuljum kienet tbakkar ... biswitha, iħares lejha bla ma jegħja, kien ikun hemm dejjem San Ġużepp, ir-raġel xwejjaħ, wiċċu sewdieni – biż-żmien jew bix-xema' jew minn nislu – u wieħed ikollu jaħseb li kien dera tiġi ħdejh kuljum.

"San Ġużepp, inti tista' ħafna quddiem Alla, sibli raġel li jħobbni ..."

**Wieġeb:**

1. Din is-silta ta' proża tibda bis-sentenza: "Ħadd ma kien jaf sewwa x'jisimha." Xi ħjiel tagħtina din is-sentenza dwar in-nies tar-raħal? (4)

2. Ikteb x'inhi l-figura tat-taħdit li jħaddem l-awtur fis-sentenza: "Jafha r-raħal bi ħġaru u ma jafha ħadd." X'effett jinħoloq b'din il-figura tat-taħdit? (4)

3. Għaliex il-laqam ta' din il-mara kien "Koranta"? U għaliex l-awtur jgħid li "biż-żmien kellu jsir leġġenda?" (4)

4. Din is-silta hija deskrittiva jew narrattiva? Għid għaliex. (4)

5. a) Il-Koranta kienet mara: (agħżel **WAĦDA**)
   i. maħbuba mill-ġirien.
   ii. wiċċha tost.
   iii. reliġjuża.
   iv. imkabbra. (1)

   b) Ikteb **TLIET** kwotazzjonijiet mis-silta biex issaħħaħ l-għażla tiegħek. (3)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha***, Claire Azzopardi

Lina trabbiet minn fuq xkaffa għal oħra. Qalb il-paġni, il-garżelli u l-ittri taċ-ċomb. Sa minn mindu kienet bil-ħarqa, ommha kienet taqralha l-poeżiji tal-poeti li kienu jippubblikaw magħhom u missierha kien iżommha f'ħoġru waqt il-laqgħat twal li kien ikollu mal-kittieba. Meta bdiet l-iskola primarja, bdiet titgħallem il-poeżiji bl-amment, u allura ma kinitx l-ewwel darba li l-laqgħat twal ta' missierha kienu jispiċċaw b'xi poeżija minn dawk li Lina tkun tgħallmet.

Imbagħad tfarfret ftit sew u ngħalqet f'dinja ta' kotba bħal skeletru magħluq f'tebut. Kliem mill-inqas, u ħadd ma jazzarda jittawwal. Tfarfret ftit aktar u bdiet tinteressaha mhux biss id-dinja ta' ġol-ktieb imma anki l-kompożizzjoni tagħha. Bla ma ħadd qatt għallimha bdiet tikkomponi l-kotba hi. Eżatt kif dejjem rat lil ommha u lil missierha. Tibnihom ittra ittra. Toħroġ l-ittri taċ-ċomb mill-garżelli tagħhom u tibni l-paġna sentenza sentenza, vers vers, kelma kelma.

Ommha u missierha dejjem xtaquha ssib ġuvni gustuż li jkun jista' jħobbha u jgħinha fix-xogħol tal-pubblikazzjoni, dejjem ħeġġewha biex tieħu lil Ġammarì ta' faċċata għax kien ġuvni skrupluż. Imma dejjem magħluqa f'xi ktieb, b'xagħarha qasir ma' rasha, b'dublett griż u flokk griż jinqafel bil-buttuni griżi skuri fuq quddiem, kien diffiċli għal Ġammarì li jitfa' għajnejh fuqha.

U daqqa rumanz twil, jew inkella rumanzett, xi kultant xi novelli, daqqiet oħra poeżiji. Daqqa bil-Malti, inkella bit-Taljan, xi kultant bl-Ingliż, daqqiet oħra bil-Franċiż. Imbagħad meta kibret sew, uriet lil ommha u lil missierha li kienet kapaċi tmexxi mhux biss il-ħanut, imma anki l-istamperija. U l-imħabba tagħha ma setgħet qatt tmiss lil xi raġel.

**Wieġeb:**

1. Min hu l-karattru ewlieni skont dak li naqraw f'din is-silta? Ikteb għal liema raġuni għamilt l-għażla li għamilt. (4)

2. Ikteb x'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "ngħalqet f'dinja ta' kotba bħal skeletru magħluq f'tebut". X'effett joħloq l-awtur b'din il-figura tat-taħdit? (4)

3. Għaliex in-narratur jispiċċa t-tielet paragrafu ta' din is-silta bil-kliem: "Kien diffiċli għal Ġammarì li jitfa' għajnejh fuqha"? Ikteb mill-inqas **ŻEWĠ** raġunijiet. (4)

4. Minn dak li naqraw f'din is-silta, xi nsiru nafu dwar ir-relazzjoni li kienet teżisti bejn Lina u ommha? Islet **ŻEWĠ** sentenzi jew frażijiet biex issaħħaħ dak li tikteb. (4)

5. Minn din is-silta, sib u ikteb reġistru ta' **ERBA'** kelmiet marbut mas-sengħa tal-istampar tal-kotba. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ikteb dwar l-element ta' misteru li nsibu fin-novella *Ittri lil Marta* ta' Joe Friggieri, u fil-ħrafa *Ix-Xini Jimxi fl-Art* ta' Manwel Magri, u għid kif dawn il-misteri effettwaw lill-karattri nfushom.

**JEW**

2. Il-mewt hija esperjenza kerha ħafna. Ikteb dwar dan l-argument skont dak li nsibu fil-ballata *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u l-poeżija *Refuġjata* ta' Mario Azzopardi.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Il-karattri nisa fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Ružann* ta' Francis Ebejer għandhom importanza fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-ħajja ta' kuljum. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għal **TNEJN** mill-karattri nisa li laqtuk.

**JEW**

2. Lejn it-tmiem tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, Pietru jisħaq kemm hu importanti li l-poplu Malti jikseb il-ħelsien tiegħu. Ikteb fuq dan l-argument billi tirreferi għall-iżviluppi li seħħew tul il-ġrajja tar-rumanzett.

**(Total: 30 marka)**